MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2014

Numru 967/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Emanuel Abela**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Emanuel Abela ta’ 49 sena, bin Carmelo u Rosaria nee Pace, imwieled Pietà fit-8 ta’ Marzu, 1965, residenti fil-fond Borton Court, Flat 2, Triq San Gorg, Gzira u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 149465M.

Akkuzat talli fit-13 ta' Settembru, 2014 ghall-habta tat-8 :30 ta' filghaxija gewwa Ta' Qali limiti ta' H' Attard :-

1. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 163 Robert Azzopardi, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz (Kap 9, Art.95) ;
2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija waqt li kienu qeghdin jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom (Kap 9, Art.338(ee)) ;
3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku (Kap 9, Art.338(ee)) ;
4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi filwaqt li kien hiereg minn gewwa l-Istadium Nazzjonali ta' Ta' Qali gab ruhu b' mod abbuziv (L.S.10.33 Reg.(7)).

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 6 t' Ottubru 2014 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-13 ta' Novembru, 2014 ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li l-imputat skuza ruhu ma' PS 183 ghall-akkadut immedjatament wara liema PS 183 accetta l-iskuza u l-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija fl-istadju tar-rilaxxjar ta' Stqarrija.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 95, 338(ee), 338(dd), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali kif ukoll ir-Reg. 17 tal-L.S.10.33, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah multa ta' €1,200 (elf u mitejn ewro).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------